



*Kumitat għall-Baġits  
Il-President*

5.3.2024

Is-Sur Pascal Canfin

President

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (2023/0455(COD)), għal Direttiva dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (2023/0454(COD)) u għal Regolament li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi (2023/0453(COD))

Sur President,

Skont il-proċeduri msemmija hawn fuq, fil-laqgħa<sup>1</sup> tiegħu tal-4 ta' Marzu 2024, il-Kumitat għall-Baġits adotta opinjoni fil-forma ta' ittra u tani l-mandat li nwassal il-pożizzjoni stabbilita hawn taħt.

### **L-isfond tal-proposta**

L-oġġettivi ġenerali tat-tliet proposti leġislattivi li jiffurmaw l-hekk imsejjaħ pakkett ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda", huma li jiġu ssimplifikati l-valutazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi fil-leġislazzjoni kollha tal-UE, li tissaħħaħ il-bażi tal-għarfien dwar is-sustanzi kimiċi u li jiġu żgurati d-detezzjoni bikrija u l-azzjoni dwar ir-riskji kimiċi emerġenti.

Taħt dan il-pakkett, il-kompiti se jiġu riallokati bejn erba' aġenziji tal-UE (l-ECHA, l-EEA, l-

<sup>1</sup> Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Asim Ademov, Maria da Graça Carvalho, Ana Collado Jiménez, José Manuel Fernandes, Andrzej Halicki, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Petri Sarvamaa, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Charles Goerens, Fabienne Keller, Moritz Körner, Eva Maria Poptcheva, Pietro Bartolo, Jonás Fernández, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Eero Heinäluoma, Margarida Marques, Javier Moreno Sánchez, Victor Negrescu, Matjaž Nemeč, Bogdan Rzońca, Rasmus Andresen, Francisco Guerreiro, Mounir Satouri, François Thiollet, Joachim Kuhs, Hervé Juvin, Enikő Györi.

EFSA u l-EMA) u se tiġi stabbilita Pjattaforma Komuni tad-Data dwar is-Sustanzi Kimiċi miżmuma mill-aġenziji, li tiżgura valutazzjonijiet tas-sikurezza koerenti u trasparenti tas-sustanzi kimiċi użati fi prodotti bħal apparat mediku, ġugarelli, ikel, pestiċidi u bijoċidi.

Skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li takkumpanja l-proposti, il-pakkett se jirrikjedi baġit addizzjonali ta' madwar EUR 33 miljun sal-2027, 18-il aġent temporanju addizzjonali u 23 aġent kuntrattwali addizzjonali sal-2027 għall-erba' aġenziji.

Il-biċċa l-kbira tal-baġit addizzjonali se jiġi kkumpensat mill-Programm LIFE.

## **Il-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Baġits**

Il-Kumitat BUDG huwa tal-fehma ġenerali li kompiti ġodda fdati lill-aġenziji deċentralizzati għandhom jiġu ffinanzjati minn riżorsi ġodda u ma għandhomx iwasslu biex jitnaqqsu programmi, anke jekk fl-istess qasam ta' politika, f'dan il-każ tal-ambjent u tas-saħħa. Ir-riallokazzjonijiet mill-Programm LIFE għandhom ikunu limitati u eżaminati bl-attenzjoni dovuta, speċjalment fid-dawl tad-diversi rinforzi li waslu fil-proċedura baġitarja annwali wara spinta qawwija mill-Parlament. F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed ifakkar li għall-aġenziji parzjalment iffinanzjati minnhom infushom, il-kostijiet imġarrba bħala riżultat tal-forniment ta' servizz għandhom jiġu imposti kompletament fuq il-klijenti li jirċievu tali servizz<sup>2</sup>.

Fil-qafas tal-ftehim ta' kooperazzjoni tagħna, nibqgħu lesti li lill-Kumitat ENVI nipprovdulu appoġġ tekniku matul il-proċess kollu bil-ħsieb li jiġi vvalutat l-impatt baġitarju ta' kwalunkwe deċiżjoni tal-koleġislaturi u jiġu evitati aktar konċessjonijiet mill-Programm LIFE filwaqt li jiġi żgurati li r-riallokazzjonijiet ma jmorrux lil hinn minn dak assolutament meħtieġ u li tiġi żgurata wkoll taħlita ottimizzata ta' tariffi u baġit tal-Unjoni.

Dejjem tiegħek,

Johan Van Overtveldt

---

<sup>2</sup> Ara d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati

## **ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.